


# Xogħlijiet Pubbliċi u Manutenzjoni f'Ħal Qormi (1849-1859)

Dr Joseph F. Grima

Fid-deċennju ta' bejn l-1849 u l-1860, xogħlijiet fuq xi proġetti pubbliċi f'Ħal Qormi, għalkemm ċertament mhux numerużi, ma naqsux u kultant, fid-dokumentar uffiċjali ta' dan il-perjodu, wieħed isib ħjiel ta' xi proġett partikolari jonkella xogħol ta' tiswija jew manutenzjoni fuq art jew bini pubbliku.

**Drenaġġ**

Forsi l-aktar proġett importanti f'Ħal Qormi f'dan il-perjodu beda jseħħ fi Frar tal-1849 meta f'diversi toroq bdiet tiddaħħal sistema ta' drenaġġ bi stima ta' spiża ta' aktar minn £577 iżda li temmewha fl-istess sena bi spiża ta' £562. Dan il-proġett jidher li tkompla, jew ġie estiż, fuq toroq oħrajn f'Ġunju tal-1850 meta sal-aħħar tas-sena kienu ntefqu aktar £489. Ix-xogħol temmewh fl-1851 bi spiża finali ta' 'l fuq minn £525. Għalkemm nafu li x-xogħol sar fuq it-toroq ewlenin tar-raħal, hi ħasra li ma jissemmewx l-ismijiet eżatti ta' fejn dan is-servizz tant importanti għas-saħħa pubblika daħal l-ewwel darba f'Ħal Qormi għax ix-xogħol hu mniżżel biss bħala *constructing sewers in various streets of Casal Curmi* u *constructing sewers in the principal streets of Casal Curmi.* Iżda hu magħruf li, f'April tal-1856, id-drenaġġ ġie estiż għal Triq San Ġużepp u parti minn Triq il-Kunċizzjoni, illum f'nofs il-Parroċċa San Bastjan iżda li dak iż-żmien kienu litteralment f'tarf ir-raħal, b'estensjoni oħra iżgħar li nbdiet f'Diċembru tal-1858 u li temmewha fis-sena ta' wara. L-ispiża totali ta' dan ix-xogħol tul l-għaxar snin li semmejna leħaq is-somma ta' kważi £1,200 sterlini, somma pjuttost kbira għal dak iż-żmien.

**Arkati**

Xogħol pubbliku ieħor kien it-tiswija ta' arkata fil-wied ta' Ħal Qormi. Il-kliem eżatt tad-deskrizzjoni tax-xogħol hu *constructing a bridge in the valley of Casal Curmi* u li kienet *under repair.* Wisq probabbli r-referenza hi għall-arkata ta' Triq il-Mitħna – li kienet nbniet seklu qabel, għall-ħabta tal-1750 u li llum m'għadhiex teżisti – li taqsam Wied is-Sewda. Intant, ix-xogħol inbeda fi Frar 1850 u tlesta fl-istess sena bi spiża ta' madwar £136. Iżda fl-1853 inbniet arkata ġdida, dik fi Triq Ħal Luqa biex taqsam Wied il-Kbir, ħdejn Wied iċ-Ċawsli. Dan niddeduċuh mill-fatt li d-deskrizzjoni tax-xogħol hu *constructing a bridge in the valley near Casal Curmi.* Ħal Qormi kien ferm iżgħar milli hu llum u Wied

il-Kbir kien jitqies bħala ħdejn Ħal Qormi, eżatt bħad-deskrizzjoni. Ix-xogħol inbeda f'Jannar u ntemm fl-istess sena.

**Provvista tal-Ilma**

Xogħlijiet oħrajn importanti kellhom x'jaqsmu mal-provvista tal-ilma. F'Diċembru tal-1850 inbeda x-xogħol fuq dak li ssejjaħ *a line of aqueduct from Żebbuġ to Curmi*, proġett li tlesta fl-1851 b'nefqa ta' madwar £350. Dejjem fuq l-istess linja, nsibu li nbdew tiswijiet ta' bjar pubbliċi – fosthom bir wara l-Knisja Parrokkjali li sarlu wkoll għatu ġdid – f'Marzu tal-1850 u lestew fl-istess sena, flimkien mat-tħaffir ta' bjar pubbliċi ġodda, xogħol li tlesta fl-1852 wara li kien inbeda f'Settembru tal-1851.

**Toroq**

It-twessiegħ u manetunzjoni tat-toroq ma naqasx, inklużi dawk interni fl-irħula li għalihom il-gvern kien jivvota somma flus globali kull sena flimkien ma' al-lokazzjonijiet oħra speċifikament għat-toroq li jwasslu minn raħal għall-ieħor. Triq important – li parti minnha dak iż-żmien kienet tagħmel ma' Ħal Qormi iżda llum hi parti mill-Ħamrun u Santa Venera – kienet Triq Irjali San Ġużepp. Fl-1838, tliet mili minn din it-triq (flimkien ma' *footpath* mhux speċifikat) ingħatat wiċċ kompletament ġdid bis-sistema (moderna għal dak iż-żmien) magħrufa bħala *macadamisation*, imsemmija hekk għall-inġinier Skoċċiż John Loudon MacAdam (1756-1836) li vvintaha. Kienu jitqiegħdu diversi saffi ta' ġebel imfarrak f'biċċiet żgħar imwaħħlin flimkien b'materjal apposta, speċi ta' asfaltar. Fl-1849, it-triq li tagħti lejn Ħal Qormi minn din it-triq (ta' San Ġużepp), jiġifieri Triq il-Mitħna, issewwiet flimkien ma' żewġ toroq li minn Ħal Qormi jagħtu għal Ħ'Attard u Ħal Luqa.

Qisu kien hemm deċiżjoni li jirranġaw it-toroq kollha għax fl-1852 issewwiet it-triq meqjusa tal-ewwel klassi (*first class road*) bejn Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ flimkien mat-triq imsejħa tat-tieni klassi (*second class road*) li mill-Marsa twassal għal Ħal Qormi. Sena wara issewwiet triq tat-tieni klassi li tagħti lejn l-Imqabba filwaqt li twessgħet Triq il-Mitħna bejn Ħal Qormi u Triq San Ġużepp (tal-Ħamrun u Santa Venera). Il-fatt li ntefqu kważi £700 fuq it-tiswijiet ta' dawn it-toroq li jagħtu għal Ħal Qormi jressaq il-ħsieb li, almenu lit-toroq tal-ewwel klassi, tawhom wiċċ ġdid bis-sistema *macadam*. Fl-aħħar nett, inżidu li fl-1850 inkitbu fil-kantunieri l-ismijiet tat-toroq ta' 25 raħal, li wieħed minnhom x'aktarx kien Ħal Qormi, filwaqt li fl-1859 bdew jinxtegħlu t-toroq tal-ibliet u l-irħula ewlenin (u Ħal Qormi kien wieħed mill-akbar irħula) ta' Malta u Għawdex.




## Manutenzjoni u Tiswijiet Diversi

Il-gvern kien jippossedi diversi artijiet f'Malta, inkluż f'Ħal Qormi, u nħass il-bżonn li dawn ikunu demarkati uffiċjalment b'tabelli apposta. Tabelli ta' din ix-xorta tqiegħdu f'Tal Ħlas u f'Ta' Farina (probabbli Ta' Farżina). L-istess għamlu ma' ġonna fl-Istabal, f'Ta' Bendu u f'Ta' Senja (jew Sienja), ma' artijiet f'Tal-Ħandaq, u ma' għelieqi fl-Imrieħel u f'Għar Ħanżir. Il-gvern nefaq ukoll £21 biex għamel passaġġ għall-użu tan-nies (*footpath*) f'Wied is-Sewda. Aktar tiswijiet u manutenzjoni tkomplew fil-proprjetajiet governattivi inklużi dawn il-ġonna, għelieqi u l-bini ta' magħhom li wħud minnhom diġa' semmejnihom: Tal-Ħaġġirat, Tal-Ħlas, ta' Saida, ta' Ċeppuna (illum mal-Marsa), Tal-Ħandaq, l-Armier, l-Istabal, u Ta' Senia (Sienja). It-tiswijiet kienu jkunu varji u nkludew bini ta' ħitan, tiswija tal-kanali tal-ilma għat-tisqija, tiswjijiet u żebgħa lill-bibien u t-twieqi, tikħil u tibjid, irranġar ta' bini mġarraf u tiswija tal-bjut, tiswijiet fis-swieni tal-ilma, u xogħol ieħor simili. Importanti wkoll kien xogħol ta' manutenzjoni fl-iskola governattiva li kienet infetħet fl-1842 fejn illum hemm l-Għassa tal-Pulizija. Hawnhekk saru tiswijiet ġenerali fuq l-aperturi u tibjid fl-1853 u fl-1860. Ta min iżid ukoll li fl-1856 saret librerija ġdida għall-iskola u, fi Frar tal-1859, twaħħlu armi rjali ġodda fuq il-bibien tar-residenzi tas-seba' Sindki ta' Malta, inkluż is-Sindku ta' Ħal Qormi.

e-mail: uvprint@waldonet.net.mt

UV PRINT SCREEN PRINTERS

*We can create your Jobs from A to Z*

Numbers (small & large) | Printed & Embroidered Logos

- T-Shirts
- Scarves
- Caps
- PVC Cards
- Small Items
- Flags
- Banners
- Stickers
- Clocks

TRIQ IN-NASSAB, QORMI - QRM05
TEL: (+356) 2144 0815 - FAX: (+356) 2144 0832
MOB: (+356) 9942 9798